MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2011

Numru. 259/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin Farrugia**

**vs**

**Stephen Fenech**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Stephen Fenech, ta' 24 sena, imwieled Pieta fit-2 ta' Ottubru 1979, iben Joseph u Maria Dolores xebba Zammit u li joqghod 'Corinthian', Triq Mons Alfred Mifsud, B'Kara u bin-numru tal-identita 458579(M) gie jressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-12 ta' Jannar 2004 ghall-habta tal-hdax ta' filghaxija f'B'Kara volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg

haddiehor mobbli jew immobbli cioe’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni PAW 342, liema ammont ta’ hsara jeccedi il-hames mitt lira Maltin (LM 500), ghad-detriment ta’ Rita Briffa minn B’Kara u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-istess hin, lok u cirkostanzi ghamel lil Rita Briffa ingurji, jew theddid mhux imsemmi band’ohra f’dan il-Kodici, jew jekk ikun ipprovokat, ingurja b’mod li johrog barra mill-limiti ta’ provokazzjoni a tenur tal-Artikolu 338 (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-istess hin, lok u cirkokstanzi volontarjament bil-lejl kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

Fl-istess hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen fil-pubbliku li jikkonsisti d’dagha;

Fl-istess hin, lok u cirkostanzi zamm jew garr jew kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta u li jniggez minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti tista wkoll meta jidhrilha xieraq biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta’ haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi iffissata mill-Qorti stess a tenur tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta’ Marzu 2004 (esebit a fol. 10 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-8 ta’ Frar 2005 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident li nqala’ fit-12 ta’ Jananr 2004 ghall-habta tal-11.30pm, f’B’Kara bejn l-imputat Stephen Fenech u l-parti leza Rita Briffa. Mill-provi rrizulta mhux kontestat li l-imputat kellu relazzjoni ma bint Rita Briffa u li minn din ir-relazzjoni twieldet tarbija. Rrizulta wkoll li meta giet terminata r-relazzjoni inqala’ nkwiet bejn l-imputat u l-familja ta Rita Briffa. Rita Briffa li xehdet f’dawn il-proceduri in ezami waqt l-udjenza tat-8 ta’ Frar 2005 spjegat li fil-gurnata in dizamina hija kienet ghaddejja bil-vettura taghha bin-numrru tar-registrazzjoni PAW 342 u fil-vettura maghha kien hemm it-tifla Amanda Briffa kif ukoll it-tifel ta’ sentejn li din tal-ahhar kellha mir-relazzjoni mal-imputat u n-neputija Analise Galea. Hija tghid li rat lill-imputat fit-triq u huwa l-ewwel ta daqqa ta’ sieq mal-gemb tal-vettura taghha u sakemm dawret il-vetura sabiex titlaq minn fuq il-post l-imputat dahal fid-dar tieghu u hareg b’sikkina u beda’ jaghti daqqiet ta’ sikkina fuq il-vettura taghha u kkagunalha hsara. Hija spjegat li dak il-hin ma qalet xejn ghaliex kienet imbezza’ izda telqet minn fuq il-post u marret l-Ghassa taghmel rapport. Hija esebiet zewg ricevuti li jindikaw li l-hsara kagunata fil-vettura taghha kienet tammonta ghal Lm330. Il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Rita Briffa giet korroborata minn bintha Amanda Briffa u minn Analise Galea li t-tnejn xehdu waqt l-udjenza tat-8 ta’ Frar 2005.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat fid-19 ta’ Marzu 2004 irrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 30 tal-atti processwali) fejn sostna li fil-gurnata in dizamina huwa hareg minghand it-tfajla tieghu ghall-habta tal-11.00 ta’ filghaxija u ra karozza li m’gharafx f’nofs tat-triq startjata u mbaghad din il-karozza segwietu sakemm wasal hdejn il-garaxx tieghu fejn imbaghad induna li l-vettura kienet misjuqa minn Rita Briffa. Huwa

qal li din qadet tghidlu hafna paroli fil-vojt rigward ibnu u huwa ta daqqa ta' sieq mal-gemb tal-vettura taghha. L-imputat qal ukoll li meta huwa mar id-dar sab il-vettura tal-imputata wara l-bieb u huwa dahal gewwa u rega' hareg b'hadida f'idejh u wissa lil Briffa diversi drabi sabiex titlaq l'hemm u mbaghad meta din ma tatx kasu beda' jaghti d-daqqiet bil-hadida fuq il-vettura taghha. Huwa qal li ma kienx jiddispjacih ghall-hsara li kien ghamel u sostna li forsi Briffa titghallem u thallih bi kwietu. L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri[1] fejn irrepeta dak li kien qal fl-istqarrija izda naqas milli jghid b'mod dirett li kien ghamel hsara fil-vettura ta' Rita Briffa. Din id-darba qal ukoll li Rita Briffa bdiet tghajru u tiprovokah u zied jghid li meta marret quddiem id-dar tieghu Rita Briffa nizlet mill-vettura taghha u bdiet iddoqq il-qampiena tad-dar sakemm huwa hareg barra.

Ikkunsidrat:

Illi fil-proceduri odjerni l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna hsara volontarja li teccedi l-Lm500 fil-vettura ta' Rita Briffa kif ukoll li ngurja u hedded lill-istess Rita Briffa, li kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, li kellu strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u li qal kliem oxxenn u dagha fil-pubbliku. Il-Qorti jidrilha li l-imputazzjonijiet kollha salv ghal dik rigwardanti id-dagha u l-kliem oxxen fil-pubbliku jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi kemm mix-xhieda ta' Rita Briffa kif korroborata mix-xhieda ta' Amanda Briffa u Analise Galea kif ukoll in gran parti mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilita' ta' Rita Briffa u jidrilha li ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti minnha moghtija izda fi kwalunkwe kaz irid jigi rilevat li l-istess imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata jammetti li huwa kien volontarjament ikkaguna hsara fl-imsemmija vettura anki jekk huwa jghid li ghamel dan b'hadida filwaqt li Briffa ssostni li l-hsara giet kagunata permezz ta' sikkina. Fl-imsemmija stqarrija inoltre jirrizulta li l-imputat hedded lil Briffa li kien ser jaqbad ikisser bil-hadida kif fil-fatt ghamel. Id-Difiza

[1] Xhieda relative nserita a fol. 102 sa 106 tala-ti processwali).

ssostni li l-imputat agixxa b'dan il-mod stante li gie provokat minn Briffa. Apparti li mix-xhieda ta' Briffa ma jirrizultax li din provokat lill-imputat b'xi mod, u kif diga' ntqal aktar 'l fuq il-Qorti qed taghzel li temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija minn din tal-ahhar, anki jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed kellu jaccetta li kien hemm xi forma ta' provokazzjoni konsistenti fil-kliem li indika l-imputat stess fl-istqarrija tieghu li allegatament intqal lilu minn Briffa, xorta wahda l-imputat ma jistghax jitqies li kien gustifikat li jaghti bis-sieq fuq il-vettura ta' Briffa jew li altrimenti jaghti daqqiet ta' sikkina fuq l-istess vettura.

Fil-fehma tal-Qorti l-unika imputazzjoni li ma tirrizultax pruvata hija dik tad-dagha u kliem oxxen stante li la Rita Briffa u lanqas Amanda Briffa u Analise Galea ma indikaw id-dagha u l-kliem oxxenn li seta' qal l-imputat.

L-imputat sejjer ghalhekk jigi misjub hati tal-ewwel(1), it-tieni(2), it-tielet(3) u l-hames(5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu izda ser jigi dikjarat mhux hati tar-raba'(4) mputazzjoni.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa kif ukoll ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz fejn hemm kwistjonijiet ta' natura familjari li jifirdu l-partijiet u jidrilha li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda minflok ser tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali fil-konfronti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 325(1)(b), 339(1)(e), u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 13(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1), it-tieni(2), it-tielet(3) u l-hames(5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmien (8) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' tmintax(18)-il xahar millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tar-raba'(4) imputazzjoni u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputat b’obbligazzjoni personali taht penali ta’ hames mitt Ewro (€500) ghal zmien tnax(12)-il xahar millum mili jimmolesta jew jivvessa lil Rita Briffa.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas lil Rita Briffa l-ekwivalenti f’Ewro tas-somma ta’ tlett mija u tletin Lira Maltin (Lm330).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------